

Brussell, 4 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12461/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0810 (NLE)

COLAC 138
POLCOM 222
SERVICES 54
FDI 49

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika Politika, Ekonomika u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal- Messiku, min-naħa l-oħra

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 810 final.

Mehmuż: COM(2025) 810 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.9.2025
COM(2025) 810 final

2025/0810 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika
Politika, Ekonomika u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri
tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Messiku, min-naħa l-oħra**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-proposta meħmuża tikkostitwixxi l-istrument legali għall-awtorizzazzjoni tal-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika Politika, Ekonomika u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Messiku, min-naħa l-oħra (magħruf ukoll bħala l-Ftehim Globali Modernizzat u minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "MGA" (Modernised Framework Agreement) jew "il-Ftehim"). Il-proposta tawtorizza wkoll l-applikazzjoni provviżorja ta' partijiet mill-Ftehim.

Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea ("UE") u l-Istati Uniti tal-Messiku ("il-Messiku") bħalissa huma bbażati fuq il-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Koperazzjoni (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Globali") bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Messiku, min-naħa l-oħra, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2000¹. Il-Pilastru kummerċjali tal-Ftehim Globali ġie estiż b'żewġ deċiżjonijiet tal-Kunsill Konġunt: Id-Deċiżjoni Nru 2/2000 tal-Kunsill Konġunt KE-Messiku tat-23 ta' Marzu 2000 relatata mal-kummerċ fil-merkanzija² u d-Deċiżjoni Nru 2/2001 tal-Kunsill Konġunt UE-Messiku tas-27 ta' Frar 2001 dwar il-kummerċ fis-servizzi³.

Mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Globali, l-UE u l-Messiku appfondew ir-relazzjonijiet tagħhom. Fl-2008, l-UE u l-Messiku stabbilew Sħubija Strateġika li introduċiet djalogu u kooperazzjoni bilaterali f'oqsma ta' politika ewlenin ġodda, inkluż il-kwistjonijiet multilaterali, is-sigurtà u l-ġustizzja, l-aspetti makroekonomiċi u d-drittijiet tal-bniedem.

Fid-dikjarazzjoni ta' Santiago tas-27 ta' Jannar 2013, il-Partijiet esprimew l-impenn konġunt tagħhom li jimmodernizzaw u jissostitwixxu l-Ftehim Globali eżistenti biex jirrifletti realtajiet politiċi u ekonomiċi ġodda u l-avvanzi li saru fis-Sħubija Strateġika tagħhom.

Fis-seba' Summit UE-Messiku fi Brussell f'Ġunju 2015, iż-żewġ naħat affermaw mill-ġdid ir-rieda tagħhom li jniedu l-proċess tal-bidu tan-negożjati, skont il-qafas legali ta' kull naħa, biex jiġi mmodernizzat il-Ftehim Globali u biex tissaħħaħ is-Sħubija Strateġika.

Fl-4 ta' Mejju 2016, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta Deċiżjonijiet li jawtorizzaw lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jinnegożjaw ftehim modernizzat mal-Messiku biex jissostitwixxi l-Ftehim Globali.

In-negożjati tnedew formalment f'Mejju 2016. In-negożjati tmexxew f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Amerka Latina u l-Karibew. Il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali ġie kkonsultat dwar il-partijiet tal-Ftehim relatati mal-kummerċ. Il-Parlament Ewropew inżamm infurmat dwar l-eżitu tan-negożjati.

Wara l-konklużjoni politika tan-negożjati tal-pilastru politiku u ta' kooperazzjoni fl-2018, intlaħaq ftehim fis-17 ta' Jannar 2025 dwar il-pilastru tal-kummerċ u l-investment. In-negożjati kummerċjali saru biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tar-relazzjoni bilaterali u biex jiġu indirizzati l-isfidi globali attwali.

¹ ĠU L276, 28.10.2000, p. 44-80.

² ĠU L 157, 30.6.2000, p. 10-29.

³ ĠU L 70, 12.3.2001, p. 7-50.

Il-modernizzazzjoni tal-Ftehim Globali eżistenti ddur madwar żewġ strumenti legali:

1. Il-Ftehim Globali Modernizzat (“MGA”), li jinkludi a) il-pilastru politiku u ta’ kooperazzjoni u b) il-pilastru tal-kummerċ u tal-investment (inklużi d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-investmenti); u
2. il-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ (“ITA”, Interim Agreement on Trade), li jkopri l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u tal-investment.

L-ITA huwa maħsub li jiġi ffirmat fl-istess ħin mal-MGA. L-ITA se jiskadi u jiġi ssostitwit mill-MGA mad-dħul fis-seħħ tal-MGA, wara r-ratiffa tiegħu.

Din il-proposta tikkonċerna l-istrument legali li jawtorizza l-konklużjoni tal-MGA.

• **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika kkonċernat**

Il-MGA jipprovdi qafas legali modernizzat, komprensiv u legali għar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Messiku u jissostitwixxi l-Ftehim Globali attwali, inkluż kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti mill-korpi istituzzjonali tiegħu, ħlief għad-Deċiżjoni Nru 5/2004 tal-Kunsill Konġunt UE-Messiku tal-15 ta’ Diċembru 2004 li tadotta, skont l-Artikolu 17(3) tad-Deċiżjoni Nru 2/2000, Anness tad-Deċiżjoni msemmija dwar assistenza amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali⁴. Matul il-perjodu ta’ applikazzjoni proviżorja, sakemm id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Globali ma jkunux koperti mill-applikazzjoni proviżorja tal-MGA, id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Globali jibqgħu japplikaw. Il-Ftehim jissostitwixxi wkoll, mad-dħul fis-seħħ tiegħu, l-ITA.

Matul is-snin, l-UE u l-Messiku kkonkludew, flimkien mal-Ftehim Globali, diversi ftehimiet settorjali bilaterali, inkluż il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Messiku dwar ir-rikonoxximent reċiproku u l-protezzjoni ta’ denominazzjonijiet ta’ xorb spirituwż iffirmit fi Brussell fis-27 ta’ Mejju 1997 (il “Ftehim dwar ix-xorb spirituwż tal-1997”)⁵.

Il-Ftehim dwar ix-xorb spirituwż tal-1997 huwa inkorporat fl-MGA. Il-ftehimiet settorjali l-oħra li ma jaqgħux fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-MGA se jibqgħu fis-seħħ bħala ftehimiet separati.

Mid-data tad-dħul fis-seħħ sħiħ tiegħu, il-MGA se jissostitwixxi u jieħu post it-trattati bilaterali ta’ investment bejn il-Messiku u l-Istati Membri tal-UE li huma elenkati fl-Anness 10 C tal-MGA.

L-MGA huwa kompletament konformi mal-viżjoni ġenerali tal-UE għas-sħubija tagħha mal-Amerka Latina u l-Karibew, kif deskritt fil-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar Aġenda Ġdida għar-Relazzjonijiet bejn l-UE u l-Amerka Latina u l-Karibew, adottata fis-7 ta’ Ġunju 2023.

Barra minn hekk, il-pilastru tal-kummerċ u l-investment tal-MGA huwa konformi bis-sħiħ mar-“Rieżami tal-Politika Kummerċjali – Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva”, ta’ Frar 2021, li jankra l-politika tal-kummerċ u tal-investment mal-istandards u l-valuri Ewropej u universali, flimkien mal-interessi ekonomiċi ewlenin, filwaqt li jagħmel

⁴ ĠU L 66, 12.3.2005, p. 15-21.

⁵ ĠU L 152, 11.6.1997, p. 16-26.

enfasi akbar fuq l-iżvilupp sostenibbli, id-drittijiet tal-bniedem, l-evazzjoni tat-taxxa, il-protezzjoni tal-konsumatur, u l-kummerċ responsabbli u ġust.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-MGA huwa kompletament konsistenti mal-politiki tal-UE, u mhux se jirrikjedi li l-UE temenda r-regoli, ir-regolamenti jew l-istandards tagħha fl-ebda qasam irregolat, pereż. ir-regoli tekniċi u l-istandards tal-prodotti, ir-regoli sanitarji u fitosanitarji, ir-regolamenti dwar l-ikel u dwar is-sikurezza, l-istandards tas-saħħa u tas-sikurezza, ir-regoli dwar l-OĠM, il-ħarsien tal-ambjent jew il-protezzjoni tal-konsumatur.

L-MGA jinkludi wkoll Kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, li jorbot il-Ftehim mal-oġġettivi ġenerali tal-UE ta' żvilupp sostenibbli u oġġettivi speċifiċi fl-oqsma tax-xogħol, l-ambjent u t-tibdil fil-klima.

Barra minn hekk, l-MGA jissalvagwardja bis-sħiħ is-servizzi pubbliċi u jiżgura li d-dritt tal-gvernijiet li jirregolaw fl-interess pubbliku jiġi ppreservat b'mod sħiħ mill-Ftehim u jikkonstitwixxi prinċipju bażiku sottostanti tiegħu.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali proċedurali**

F'konformità mal-Artikolu 218(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), meta l-ftehim inkwistjoni ma jkunx jikkonċerna esklużivament jew prinċipalment il-politika estera u ta' sigurtà komuni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta lill-Kunsill. Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni li tawtorizza l-iffirmar tal-ftehim.

Skont l-Artikolu 218(6) tat-TFUE, meta l-ftehim ma jkunx relatat esklużivament mal-PESK, il-Kunsill jista' jieħu d-deċiżjoni li jikkonkludi l-ftehim biss wara li jkun kiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew (l-Artikolu 218(6)(a) tat-TFUE), jew wara li jikkonsultah (l-Artikolu 218(6)(b) tat-TFUE).

Peress li l-Artikolu 91, l-Artikolu 100(2), l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 209(2) TFUE huma l-bażi legali sostantiva, il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjoni li jikkonkludi l-ftehim wara li jkiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew.

Jenħtieġ li l-Artikolu 218(7) tat-TFUE jiżdied ukoll bħala bażi legali peress li huwa xieraq li l-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni tapprova l-pożizzjoni tal-Unjoni dwar ċerti modifiki fil-MGA. Il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata tapprova modifiki jew rettifiki li għandhom jiġu adottati mill-Kunsill Konġunt skont:

- L-Artikolu 2.22(4) (Prattiki enoloġiċi) fir-rigward tad-definizzjonijiet tal-prodott, il-prattiki enoloġiċi u r-restrizzjonijiet inklużi fil-Parti A u B tal-Anness 2-E (Miżuri Rilevanti dwar il-Prodotti tal-Inbid u l-Ispirti).
- L-Artikolu 2.24(8) (Ċertifikazzjoni tal-Prodotti tal-Inbid u l-Ispirti) fir-rigward tad-dokumentazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni msemmija fil-Parti D (Dokumentazzjoni u Ċertifikazzjoni) tal-Anness 2-E (Miżuri Rilevanti dwar il-Prodotti tal-Inbid u l-Ispirti).

- L-Artikolu 21.18 (Modifika u Rettifika tal-Kopertura) fir-rigward tal-Annessi 21-A u 21-B li jistabbilixxu l-impenji ta' kull Parti dwar l-akkwist kopert.
- L-Artikolu 25.35 (Emenda tal-Lista tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi) fir-rigward tal-Anness 25-B (Lista tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi) u l-Annessi I u II tal-Ftehim dwar ix-Xorb Spirituż tal-1997, inkorporati f'dan il-Ftehim, li jelenkaw l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi tal-UE u tal-Messiku.

Għalhekk, il-bażijiet legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta dwar il-konklużjoni tal-MGA huma l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tat-TFUE, u l-Artikolu 218(7) tat-TFUE.

• **Bażi legali sostantiva**

Il-MGA tkopri oqsma li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-politika kummerċjali komuni, it-trasport u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Il-bażijiet legali sustantivi tad-deċiżjoni proposta għandhom ikunu l-Artikoli 91, 100(2) u 207(4), l-ewwel subparagrafu, u 209(2) tat-TFUE.

Għalhekk, il-bażijiet legali tad-deċiżjoni proposta għandhom ikunu l-Artikolu 91 tat-TFUE, l-Artikolu 100(2) tat-TFUE, l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu tat-TFUE u l-Artikolu 209(2) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tat-TFUE u l-Artikolu 218(7) tat-TFUE.

Minħabba s-suġġett tal-ftehim previst, jixraq li l-Kummissjoni tippreżenta proposta lill-Kunsill.

• **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Fl-4 ta' Mejju 2016, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jinnegożjaw ftehim modernizzat mal-Messiku biex jissostitwixxi l-Ftehim Globali. Għalhekk tqies li l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni kienet aktar effettiva minn azzjoni fil-livell nazzjonali.

• **Proporzjonalità**

Din l-inizjattiva ssegwi direttament l-oġettivi tal-Unjoni fl-azzjoni esterna u tikkontribwixxi għall-prijorità politika tal-“UE bħala attur globali aktar b'saħħtu”. Hija f'konformità mal-orjentazzjonijiet tal-Istrateġija Globali tal-UE li tikkoopera ma' pajjiżi oħra u li tagħti spinta lis-sħubijiet esterni tal-UE b'mod responsabbli, sabiex jintlaħqu l-prijoritajiet esterni tal-UE. Dan jikkontribwixxi għall-oġettivi tal-UE dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni ekonomika u teknika ma' pajjiżi terzi.

In-negożjati tal-MGA mal-Messiku twettqu f'konformità mad-direttivi ta' negożjati stipulati mill-Kunsill. L-eżitu tan-negożjati ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu l-oġettivi ta' politika stabbiliti fid-direttivi ta' negożjati.

• **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill qed titressaq f'konformità tal-paragrafu 6 tal-Artikolu 218 TFUE, li jipprevedi l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċiżjoni li tikkonkludi ftehim internazzjonali wara l-kunsens tal-Parlament Ewropew. Ma jeżisti l-ebda strument legali ieħor li jista' jintuża sabiex jintlaħaq l-oġettiv espress f'din il-proposta.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet kummerċjali, fi Frar 2011 twettqet valutazzjoni ta' sitt ftehimiet ta' kummerċ ħieles tal-UE (inklużi dak mal-Messiku) ikkummissjonati mill-Kummissjoni. Evalwazzjoni *ex post* tal-pilastru kummerċjali tal-Ftehim Globali eżistenti u valutazzjoni *ex ante* li tħares lejn l-għażliet għall-modernizzazzjoni tlestew fl-2016.

L-analiżi tal-Ftehim Globali wriet li, filwaqt li l-kopertura tal-pilastru kummerċjali eżistenti kienet komprensiva f'dak iż-żmien, kien hemm lok għal aktar titjib fir-regoli u biex jinkiseb aktar aċċess għas-suq. Ikkonkludiet ukoll li kien meħtieġ li jiġi aġġornat il-Ftehim Globali biex jitqiesu l-iżviluppi fix-xenarju globali tal-kummerċ.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-kuntrattur għall-istudji esterni mwettqa b'appoġġ għall-modernizzazzjoni organizza bosta attivitajiet ta' konsultazzjoni u sensibilizzazzjoni, inklużi: (i) sit web iddedikat għad-dokumenti u l-attivitajiet marbuta mal-istudji; (ii) sħarriġ online tal-partijiet ikkonċernati, imniedi f'Ottubru 2014; (iii) sessjoni ta' ħidma tal-partijiet ikkonċernati lokali fil-Messiku, li saret f'Lulju 2015; u (iv) intervisti personali.

Bħala parti mill-Valutazzjoni tal-Impatt, id-DĠ Kummerċ ikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati interessati dwar il-modernizzazzjoni, inklużi n-negozji, il-partijiet ikkonċernati tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, it-trade unions, l-assoċjazzjonijiet kummerċjali, il-kmamar tal-kummerċ u interessi privati oħra. Dawn il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati kienu jinvolvu għadd ta' attivitajiet ta' konsultazzjoni differenti inkluż konsultazzjoni pubblika online miftuħa (imniedja f'Lulju 2015).

L-istudji esterni, il-Valutazzjoni tal-Impatt u l-konsultazzjonijiet li saru fil-kuntest tat-tnejn tagħha pprovdew lill-Kummissjoni b'kontribut li kien ta' valur kbir fin-negozjati tal-MGA.

Matul in-negozjati, saru wkoll laqgħat biex l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jiġu infurmati dwar l-istatus tan-negozjati u biex isir skambju ta' fehmiet dwar il-modernizzazzjoni (laqgħat f'April u f'Novembru 2017 fi Brussell u f'Lulju 2017 fil-Belt tal-Messiku).

In-negozjati twettqu f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Amerka Latina u l-Karibew għall-aspetti politiċi u ta' kooperazzjoni tal-Ftehim, u f'konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Politika Kummerċjali, għall-aspetti kummerċjali tal-Ftehim, bħala l-kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 218(4) TFUE. Il-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ukoll ġew infurmati regolarment permezz tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (INTA), b'mod partikolari l-Grupp ta' Monitoraġġ tiegħu dwar il-Messiku, u l-Kumitat għall-Affarijiet Barranin. It-testi li bdew jirriżultaw min-negozjati ntbagħtu liż-żewġ istituzzjonijiet matul il-proċess.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-“evalwazzjoni *ex post* tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Messiku” twettqet mill-kuntrattur estern “Ecorys”.

“*Valutazzjoni tal-Impatt għas-Sostenibbiltà (VIS)* b'appoġġ għan-negozjati għall-modernizzazzjoni tal-pilastru tal-kummerċ tal-Ftehim Globali mal-Messiku” twettqet mill-kuntrattur estern “LSE Enterprise”.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta kienet appoġġata minn Valutazzjoni tal-Impatt ippubblikata f'Jannar 2016⁶ li rċeviet opinjoni pożittiva⁷.

Il-valutazzjoni tal-Impatt ikkonkludiet li negozjati komprensivi jwasslu għal benefiċċji pożittivi kemm għall-UE kif ukoll għall-Messiku. Tali benefiċċji kienu jinkludu żidiet fil-PDG, il-benesseri u l-esportazzjonijiet, l-impjiegi, il-pagi (kemm għall-impjegati b'inqas ħliet kif ukoll għal dawk b'aktar ħliet), il-kompetittività u pożizzjoni mtejbja kemm għall-UE kif ukoll għall-Messiku fir-rigward ta' kompetituri globali oħra. L-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet dwar l-iżvilupp sostenibbli jkollha wkoll impatt pożittiv fuq il-promozzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, fuq l-implimentazzjoni effettiva tal-istandards ewlenin tax-xogħol tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), u fuq il-progress lejn ir-ratifika tal-Konvenzjoni fundamentali tal-ILO dwar id-dritt għall-organizzazzjoni u n-negozjar kollettiv li għadha ma ġietx ratifikata mill-Messiku.

Barra minn hekk, il-VIS imwettqa matul in-negozjati tipprovdi valutazzjoni komprensiva tal-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali potenzjali ta' aktar liberalizzazzjoni tal-kummerċ skont l-MGA fl-UE u fil-Messiku. Il-VIS tanalizza wkoll l-impatti potenzjali tal-modernizzazzjoni fuq id-drittijiet tal-bniedem u fuq is-setturi tal-manifattura, tal-agrikoltura u tas-servizzi. It-termini ta' referenza, ir-rapport interim u r-rapport finali huma disponibbli fuq is-sit web tad-DĠ TRADE:

http://ec.europa.eu/trade/policy/policy-making/analysis/policy-evaluation/sustainability-impact-assessments/index_mt.htm

L-UE u l-Messiku laħqu ftehim ambizzjuż f'konformità mal-aktar ftehimiet kummerċjali reċenti bħal dawk konklużi mill-UE mal-Kanada, il-Ġappun, New Zealand u ċ-Ċili. Il-Ftehim se jiftaħ opportunitajiet ġodda għall-kummerċ u l-investment fiż-żewġ swieq u se jsostni l-impjiegi fl-UE.

Il-MGA se jneħħi fost l-oħrajn il-biċċa l-kbira tad-dazji doganali, jestendi l-aċċess għall-kuntratti pubbliċi, jiftaħ is-suq tas-servizzi, joffri kundizzjonijiet prevedibbli għall-investituri u jgħin biex jipprevjeni l-ikkupjar illegali tal-innovazzjonijiet u l-prodotti tradizzjonali tal-UE. Il-MGA fih ukoll il-garanziji kollha biex jiġi żgurat li l-gwadanji ekonomiċi ma jsirux għad-detriment tad-drittijiet fundamentali, l-istandards soċjali, id-dritt tal-gvernijiet li jirregolaw, il-protezzjoni ambjentali jew is-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

L-MGA ma huwiex soġġett għall-proċeduri tar-REFIT. Madankollu, jinkludi qafas għal proċeduri simplifikati ta' kummerċ u investment, u tnaqqis fil-kostijiet relatati mal-esportazzjoni u l-investment u għalhekk se jżid l-opportunitajiet ta' kummerċ u investment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). Fost il-benefiċċji mistennija hemm (i) żieda fit-trasparenza; (ii) regoli tekniċi, rekwiżiti ta' konformità, proċeduri doganali u regoli tal-orijini eħfef; (iii) protezzjoni aħjar tad-drittijiet tal-proprietà intellettuali u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi; (iv) protezzjoni tal-investment; (v) aċċess aħjar għall-proċeduri tal-offerti tal-akkwist; u (vi) kapitoli speċjali biex l-SMEs ikunu jistgħu jimmassimizzaw il-benefiċċji mill-Ftehim.

⁶ http://ec.europa.eu/smart-regulation/impact/ia_carried_out/docs/ia_2015/swd_2015_0290_mt.pdf.

⁷ http://ec.europa.eu/smart-regulation/impact/ia_carried_out/docs/ia_2015/sec_2015_0498_mt.pdf.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma taffettwax il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni. Għall-kuntrarju, il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jikkooperaw fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż fir-rigward tar-ratifika u l-implimentazzjoni tal-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, u li jsaħħu l-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt, jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jiġġieldu d-diskriminazzjoni fil-forom kollha tagħha.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-immodernizzar tal-pilastru kummerċjali tal-Ftehim Globali jkollu effetti limitati ħafna fuq il-baġits nazzjonali u fuq il-baġit tal-UE, b'mod partikolari permezz tat-telf ta' riżorsi proprji fil-forma ta' dazji doganali mitlufa, peress li l-biċċa l-kbira tad-dazji doganali diġà huma eliminati mill-Ftehim Globali attwali. It-telf mid-dħul mit-tariffi jista' jkun ta' madwar EUR 18,75 miljun abbażi tal-flussi kummerċjali attwali. Huwa mistenni li jkun hemm impatti pożittivi indiretti f'termini ta' żidiet f'riżorsi marbuta mat-taxxa fuq il-valur miżjud u l-introjt nazzjonali gross.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-MGA jinkludi dispożizzjonijiet istituzzjonali li jistabbilixxu korpi biex jimmonitorjaw l-implimentazzjoni, l-operat u l-impatt tiegħu.

Għall-parti politika u ta' kooperazzjoni, l-MGA jinkorpora s-Summit UE-Messiku bħala l-ogħla livell politiku ta' djalogu. L-istruttura istituzzjonali hija magħmula minn Kunsill Konġunt, Kumitat Konġunt, Sottokumitat għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali, u Sottokumitat kontra l-Korruzzjoni fil-Kummerċ u l-Investment. Il-Kumitat Konġunt jista' jistabbilixxi sottokumitati u korpi oħra.

Il-Ftehim jistabbilixxi wkoll il-funzjonijiet u l-kompiti speċifiċi tal-Kunsill Konġunt u tal-Kumitat Konġunt fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ, li se jimmonitorjaw kontinwament l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-parti dwar il-kummerċ u l-investment tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika Politika, Ekonomika u ta' Kooperazzjoni.

Il-Kumitat Konġunt se jassisti lill-Kunsill Konġunt fit-tweqqif tal-funzjoni tiegħu fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kummerċ u jwettaq is-superviżjoni tal-ħidma tas-sottokumitati u tal-korpi l-oħra kollha stabbiliti taħt il-parti kummerċjali tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika Politika, Ekonomika u ta' Kooperazzjoni. Il-Kumitat Konġunt fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ se jkun magħmul minn rappreżentanti tal-UE b'responsabbiltà għal kwistjonijiet relatati mal-kummerċ u rappreżentanti tal-Ministeru tal-Ekonomija tal-Messiku, li se jiltaqgħu darba fis-sena jew fuq talba ta' waħda mill-partijiet.

Is-sottokumitati u korpi oħrajn li ġejjin se jiġu stabbiliti taħt l-awspiċi tal-Kumitat Konġunt fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ: (a) il-Kumitat għall-Kummerċ fil-Merkanzija; (b) Sottokumitat għall-Agricoltura; (c) Sottokumitat għall-Kummerċ fl-Inbid u l-Ispirti (d) Sottokumitat għad-Dwana, il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ u r-Regoli tal-Oriġini; (e) Sottokumitat għall-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji (f) Grupp ta' Ħidma Konġunt dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali u r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi; (g) Sottokumitat għall-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ; (h) Sottokumitat għas-Servizzi u l-Investment; (i) Sottokumitat għas-Servizzi Finanzjarji; (j) Sottokumitat għall-Akkwist Pubbliku; (k)

Sottokumitat għall-Proprietà Intellettuali; (l) Sottokumitat għall-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-MGA jwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas bilaterali attwali u jaġġustah għall-isfidi politiċi u ekonomiċi globali l-ġodda, għar-realtà l-ġdida tas-sħubija bejn l-UE u l-Messiku u għal-livell ta' ambizzjoni ta' ftehimiet u negozjati konklużi reċentement imwettqa mill-UE u l-Messiku.

L-MGA johlq qafas legalment vinkolanti li huwa koerenti, komprensiv u aġġornat għar-relazzjonijiet kummerċjali tal-UE mal-Messiku. Jistabbilixxi sħubija strateġika msaħħa, isahha id-djalogu politiku, u japprofondixxi u jtejjeb il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku. Fl-istess ħin, l-MGA se jrawwem il-kummerċ u l-investment billi jikkontribwixxi għall-espansjoni u d-diversifikazzjoni tar-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali.

Għall-ewwel darba, il-MGA jinkludi mekkaniżmu ta' konsultazzjoni tas-soċjetà ċivili estiż għall-Ftehim kollu, biex is-soċjetà ċivili fuq iż-żewġ naħat tkun tista' ssemma' leħinha dwar id-dispożizzjonijiet kollha fil-Ftehim, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-parti politika.

L-MGA jinkludi klawżola ta' rieżami li tippermetti li ċerti elementi speċifiċi tal-Ftehim jergħu jiġu diskussi 3 snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.

L-MGA huwa maqsum f'4 partijiet. L-oġettivi u l-prinċipji ġenerali tal-Ftehim huma deskritti fil-Parti I (Dispożizzjonijiet Ġenerali). Ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett għall-prinċipju tal-istat tad-dritt, u l-klawżola dwar in-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva jikkostitwixxu elementi essenzjali tal-MGA.

Fil-Parti II (Djalogu Politiku u Kooperazzjoni), l-UE u l-Messiku jimpenjaw ruħhom li japprofondixxu d-djalogu u jikkooperaw fl-oqsma li ġejjin:

- id-djalogu politiku, il-paċi internazzjonali u s-sigurtà
- l-organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali
- il-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja
- l-iżvilupp sostenibbli
- l-ambjent, it-tibdil fil-klima u l-enerġija
- l-agrikoltura, l-affarijiet marittimi u s-sajd
- il-politika ekonomika
- l-edukazzjoni, il-kultura u l-kwistjonijiet soċjali
- ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-ekonomija diġitali

Issir enfasi fuq firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet kruċjali, inklużi l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-migrazzjoni, id-drogi u l-kriminalità organizzata

transnazzjonali, il-protezzjoni ambjentali, it-tibdil fil-klima, l-enerġija rinnovabbli, il-governanza tal-oċeani, l-imġiba soċjali korporattiva, it-trasformazzjoni diġitali, u r-riċerka u l-innovazzjoni. Id-dispożizzjonijiet fil-Parti II se jippermettu azzjoni aktar koordinata u komuni f'oqsma ġodda bħas-saħħa pubblika, il-modernizzazzjoni tal-istat, il-ġestjoni tal-flussi migratorji, in-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, il-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu u ċ-ċiberkriminalità.

Dan se jissarraff fi sħubija aktar b'saħħitha fil-livell globali (pereż. dwar l-aġenda 2030, l-azzjoni kontra t-tibdil fil-klima, il-governanza tal-oċeani) u dwar kwistjonijiet ta' governanza demokratika globali, id-drittijiet tal-bniedem, il-migrazzjoni, il-paċi u s-sigurtà.

Il-parti II fiha wkoll dispożizzjonijiet biex jiġu approfonditi d-djalogu u l-kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta' kontra l-korruzzjoni. Għall-ewwel darba, il-Ftehim fih Protokoll li jinkludi dispożizzjonijiet għall-ġlieda u l-prevenzjoni tal-korruzzjoni fil-kummerċ u l-investment.

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll huma maħsuba biex jipprevjenu l-korruzzjoni fil-kummerċ u l-investment permezz ta' miżuri differenti, b'mod partikolari billi jippromwovu l-integrità fis-settur privat u pubbliku, iżidu l-kontrolli interni, l-awditjar estern u r-rappurtar finanzjarju, u jsaħħu l-ġlieda kontra l-korruzzjoni li diġà qed issir permezz ta' konvenzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni (UNCAC).

F'dan ir-rigward, il-Partijiet itennu l-impenn tagħhom li jagħmlu l-korruzzjoni reat kriminali għall-uffiċjali tal-gvern u li jikkunsidraw ukoll li l-korruzzjoni ssir reat għan-negozji. Iż-żewġ naħat qablu dwar ċerti dixxiplini biex jindirizzaw il-ħasil tal-flus.

Il-Protokoll jippromwovi wkoll il-parteciġazzjoni attiva tas-soċjetà ċivili fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Barra minn hekk, jipprevedi mekkaniżmu ta' konsultazzjoni jekk ikun hemm nuqqas ta' qbil dwar l-interpretazzjoni jew l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet kontra l-korruzzjoni.

Fil-Parti III (Kummerċ u Investment), f'konformità mal-oġettivi stabbiliti mid-direttivi ta' negozjati, l-MGA se jipprova jilħaq l-għanijiet elenkati hawn taħt.

Jipprovdi aċċess importanti għas-suq għall-esportazzjonijiet agrikoli u tas-sajd u regoli aħjar

Il-prodotti industrijali kollha u ammont konsiderevoli ta' prodotti agrikoli u tas-sajd kienu diġà ġew liberalizzati mill-Ftehim Globali attwali. Bil-modernizzazzjoni, il-Kapitolu dwar il-Kummerċ fil-Merkanzija jilliberalizza kompletament aktar minn 98,7 % tal-linji tariffarji kollha u jneħħi 95 % tat-tariffi Messikani li fadal fuq il-prodotti agrikoli.

It-test dwar il-Kummerċ fil-Merkanzija fih ukoll regoli addizzjonali u aktar estensivi li se jiffaċilitaw il-kummerċ bejn l-UE u l-Messiku. Dan jinkludi dispożizzjonijiet dwar it-tariffi u l-formalitajiet, il-liċenzjar tal-importazzjoni u l-esportazzjoni, il-projbizzjoni tad-dazji tal-esportazzjoni, u l-irbit tat-tariffi li għalihom id-dazju mhuwiex previst li jitneħħa għal kollox (jibqgħu kif inhuma). Fih ukoll dispożizzjonijiet tal-ġenerazzjoni l-ġdida dwar il-kompetizzjoni fl-esportazzjoni, il-manifattura mill-ġdid u l-oġġetti introdotti wara t-tiswija u dispożizzjonijiet li jiffaċilitaw id-dħul temporanju ta' merkanzija.

Simplifikazzjoni tar-Regoli tal-Oriġini

Ir-regoli tal-Oriġini (RtO) ġew rieżaminati u, f'xi każijiet, issimplifikati biex jitqies il-bżonn tal-industrija, pereżempju, għal prodotti industrijali ewlenin bħall-karozzi u l-farmaċewtiċi.

Immodernizzar u simplifikazzjoni tal-proċeduri fuq il-fruntiera

L-MGA fih Kapitolu ambizzjuż dwar id-Dwana u l-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ ibbażat fuq id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ (TFA) u jmur saħansitra lil hinn f'ċerti oqsma. L-UE u l-Messiku jimpenjaw ruħhom li japplikaw proċeduri simplifikati, moderni u, fejn possibbli, awtomatizzati għar-rilaxx effiċjenti u mħaffef tal-merkanzija permezz ta' rekwiżiti simplifikati dwar id-data u d-dokumentazzjoni, l-ipproċessar qabel il-wasla tad-dokumentazzjoni u l-informazzjoni doganali, u għestjoni tar-riskju effettiva u mhux diskriminatorja.

L-iżgurar tal-kummerċ ġust u tal-kundizzjonijiet tan-negozju

Sabiex il-prattiki kummerċjali iġusti jkunu jistgħu jiġu ttrattati b'mod effiċjenti u effettiv, sar qbil dwar dixxiplini mtejba rigward ir-rimedji kummerċjali. Barra minn hekk, l-MGA fih dispożizzjonijiet għall-protezzjoni tal-industriji domestiċi fil-każ li ż-żieda fl-importazzjonijiet ta' prodott li jirriżulta mill-Ftehim tikkawża, jew turriskja li tikkawża, dannu serju lil dik l-industrija. L-MGA fih ukoll kapitolu dwar is-sussidju li jgħin biex ikun hemm kundizzjonijiet ekwi bejn il-kumpaniji tal-UE u tal-Messiku permezz ta' (i) aktar trasparenza dwar is-sussidji kemm għall-merkanzija kif ukoll għas-servizzi; (ii) konsultazzjonijiet f'każ li s-sussidji jirriskjaw li jkollhom effett negattiv fuq il-kummerċ; u (iii) regoli dwar is-sussidji l-aktar dannużi (għajjnuna għar-ristrutturar mingħajr pjan ta' ristrutturar u garanziji bla limitu).

L-MGA jiżgura wkoll li l-kumpaniji jirrispettaw il-prinċipji bażiċi tal-kompetizzjoni: ma jkunx hemm abbuż minn pożizzjoni dominanti, l-ebda ftehim bejn kumpaniji biex jirrestrinġu l-kompetizzjoni, u skrutinju tal-effetti kompetittivi ta' fużjoni. Fl-istess ħin, l-MGA se jiżgura kundizzjonijiet ekwi bejn il-kumpaniji pubbliċi u privati fis-suq. L-intrapriżi tal-Istat, l-intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali, u l-monopolji ddeżinjati jridu jaġixxu b'mod nondiskriminatorju u f'konformità ma' kunsiderazzjonijiet kummerċjali meta jixtru u jbigħu merkanzija u servizzi fis-suq.

It-tisħiħ tal-kummerċ u l-investment fil-materja prima kritika

L-MGA jżomm il-kummerċ fil-materja prima kritika ħieles mit-tariffi, filwaqt li jiżgura aċċess orħos u kostijiet imnaqqsa għal dawn il-materjali essenzjali għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-UE. Barra minn hekk, il-ftehim il-ġdid se jipprojbixxi l-monopolji tal-esportazzjoni u se jipprojbixxi l-intervent mhux ġustifikat tal-gvern fl-iffissar tal-prezzijiet tal-materja prima u se jipprojbixxi l-esportazzjoni jew l-ipprezzar doppju meta l-prezzijiet tal-esportazzjoni jkunu stabbiliti ogħla mill-prezzijiet domestiċi. Hemm ukoll dispożizzjonijiet speċifiċi stabbiliti għall-kooperazzjoni mal-Messiku fil-ktajjen tal-valur tal-materja prima.

L-iżgurar tas-sostenibbiltà u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri

L-MGA fih Kapitolu ambizzjuż u komprensiv dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, biex jintegra aħjar l-iżvilupp sostenibbli fir-relazzjoni kummerċjali u ta' investment tal-Partijiet permezz ta' (i) impenji legalment vinkolanti dwar il-protezzjoni ambjentali, it-tibdil fil-klima u d-drittijiet tal-ħaddiema; (ii) dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni u djalogu inkluż mas-soċjetà ċivili; u (iii) il-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim. Dan il-kapitolu jinkludi wkoll klawżola ta' rieżami li tirrikjedi li l-Partijiet jiddiskutu titjib ulterjuri possibbli tad-dispożizzjonijiet dwar is-sostenibbiltà, inkluż li jipprevedu kontromiżuri fil-każ ta' ksur u l-possibbiltà li jikkunsidraw l-inklużjoni tal-Ftehim ta' Pariġi bħala element essenzjali tal-MGA. Ir-rieżami se jitnieda meta l-Ftehim jidħol fis-seħħ u jenħteġ li jiġi konkluż fi żmien 12-il xahar.

Il-partijiet qablu wkoll dwar Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-kummerċ u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri li tinkludi dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni effettiva tal-obbligi internazzjonali li jindirizzaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa, u li jsaħħu l-

kooperazzjoni dwar aspetti relatati mal-kummerċ tal-politiki u l-miżuri tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Id-Dikjarazzjoni Konġunta tiffirma parti integrali mill-Ftehim.

Enfasi fuq il-ħtiġijiet tan-negozji iżgħar

L-MGA jirrikjedi li l-UE u l-Messiku jistabbilixxu sit web għall-SMEs li jagħmilha aktar faċli għall-SMEs biex jaċċessaw l-informazzjoni u għalhekk jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet kollha tal-Ftehim. Il-punti ta' kuntatt fl-UE u fil-Messiku se jaħdmu flimkien biex iqisu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMEs u jidentifikaw modi kif jistgħu jieħdu vantaġġ minn opportunitajiet ġodda f'kull suq.

Jipprovdu opportunitajiet għall-fornituri ta' servizzi u regoli għall-kummerċ diġitali

L-MGA fiha dixxiplini komprensivi li jkopru l-aċċess għas-suq għas-servizzi u l-investment fis-setturi kollha tal-ekonomija, u dixxiplini speċifiċi li jkopru l-kummerċ diġitali. Għandu l-għan li jgħid kundizzjonijiet ekwi speċjalment għall-fornituri tas-servizzi tal-UE involuti f'setturi bħat-telekomunikazzjoni u s-servizzi finanzjarji, kif ukoll f'oqsma bħas-servizzi ta' konsenja u s-servizzi marittimi. L-MGA jipprovdi wkoll qafas biex fil-futur il-Partijiet jirrikonoxxu l-kwalifiki ta' xulxin fi professjonijiet regolati bħal periti, kontabilisti, avukati u inġiniera. Fil-kummerċ diġitali, il-Ftehim jistabbilixxi dixxiplini li japplikaw orizzontalment (għall-kummerċ online ta' merkanzija, servizzi, eċċ.) u li huma indispensabbli għall-funzjonament xieraq tal-kummerċ online.

Thegħiġ tal-investment

L-MGA fih dispożizzjonijiet li jlliberalizzaw l-investment, billi jsegwi l-istess approċċ bħal dak stabbilit fl-aktar ftehimiet kummerċjali ambizzjużi tal-UE konklużi s'issa. B'mod partikolari, id-dixxiplini sostantivi kollha taħt dan il-kapitolu se japplikaw kemm għas-setturi tas-servizzi kif ukoll għal dawk mhux tas-servizzi. B'mod partikolari, l-investituri u l-investimenti tagħhom se jkunu jistgħu jibbenefikaw minn (i) l-impenn li jingħataw trattament nondiskriminatorju meta mqabbel ma' investituri u investimenti domestiċi jew minn pajjiżi terzi; (ii) id-dixxiplini ambizzjużi għall-aċċess għas-suq (li jindirizzaw restrizzjonijiet kwantitattivi bħal monopolji u drittijiet esklussivi, kwoti, u testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi); u (iii) il-projbizzjoni ta' ċerti rekwiżiti ta' prestazzjoni. Dwar is-settur tal-enerġija, l-MGA jiżgura li l-prinċipju tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit se jiġi applikat fil-każ kemm ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles tal-passat kif ukoll ta' dawk futuri li l-Messiku daħal għalihom jew se jidħol fihom. Għalhekk, il-ftehim jiżgura li l-investituri tal-UE jiġu ttrattati fuq l-istess livell tal-investituri mis-sħab kummerċjali preferenzjali l-oħra tal-Messiku.

Tiġi żgurata soluzzjoni trasparenti u responsabbli tat-tilwim permezz ta' Sistema ta' Qorti tal-Investment

L-MGA jinkludi l-innovazzjonijiet kollha tal-approċċ il-ġdid tal-UE dwar l-investment u l-mekkaniżmu tagħha għas-soluzzjoni tat-tilwim, u b'hekk jissodisfa l-aspettattivi tal-partijiet ikkonċernati għal sistema aktar ġusta, aktar trasparenti u istituzzjonalizzata għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar l-investment. Huwa jintroduċi innovazzjonijiet importanti f'dan il-qasam, filwaqt li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni għall-investituri filwaqt li jippreserva bis-sħiħ id-dritt tal-gvernijiet li jirregolaw u jsegwu objettivi leġittimi ta' politika pubblika bħall-protezzjoni tas-saħħa, is-sikurezza jew l-ambjent. Ineħħi l-ambigwità li kienet tagħmel is-sistema l-antika miftuħa għal abbużi jew interpretazzjonijiet eċċessivi u jgħid sistema ta' qorti tal-investment indipendenti, magħmula minn tribunal permanent u tribunal ta' appell li jkun imexxi l-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim b'mod trasparenti u imparzjali.

Aċċess għall-offerti pubbliċi Messikani

L-MGA jipprevedi aktar opportunitajiet għall-offerenti għall-kuntratti tal-akkwist pubbliku. Il-Messiku fetaħ l-offerti tal-gvern tiegħu għall-kumpaniji tal-UE aktar milli għal kwalunkwe sieħeb kummerċjali ieħor tiegħu. Il-kumpaniji tal-UE se jkunu jistgħu jagħmlu offerta biex jipprovdu merkanzija u servizzi mhux biss fil-livell federali iżda wkoll fl-aktar stati Messikani ekonomikament importanti, u se jkunu l-ewwel kumpaniji mhux Messikani li se jkunu jistgħu jagħmlu hekk. L-UE u l-Messiku jimpenjaw ruħhom ukoll li jissoġġettaw il-proċeduri tal-akkwist pubbliku tagħhom għal sett modern ta' regoli, li japplikaw standards għoljin ta' trasparenza, nondiskriminazzjoni u trattament ugwali.

Protezzjoni aħjar għall-innovazzjoni u x-xogħlijiet kreattivi

L-MGA joħloq kundizzjonijiet ekwi billi jiżgura li l-Messiku u l-UE jsegwu wkoll approċċ komuni dwar l-infurzar tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali (DPI) u billi jiżgura li ż-żewġ naħat jieħdu azzjoni biex jiġġieldu kontra l-iffalsifikar, il-piraterija u l-prattiki mhux kompetittivi. Dan jiżgura livell għoli ta' protezzjoni u infurzar tad-DPI. Dan jinkludi wkoll il-protezzjoni reċiproka ta' lista magħżula ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi (IĠ) tal-UE u tal-Messiku. Fil-każ tal-UE, se jiġu protetti 336 IĠ tal-UE. Dan minbarra l-IĠ tax-xorb spirituw tal-UE diġà protetti mill-Ftehim dwar ix-Xorb Spirituw bejn l-UE u l-Messiku tal-1997, li huwa inkorporat u magħmul parti mill-MGA u li se jgawdi l-istess livell ta' protezzjoni.

Jiġi żgurati li prodotti agroalimentari sikuri jiġu nnegozjati mingħajr restrizzjoni SPS bla bżonn

L-MGA jinkludi Kapitolu komprensiv dwar Kwistjonijiet Sanitarji u Fitosanitarji (SPS), li jipprovdi ħafna miżuri speċifiċi ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ (inkluż l-eliminazzjoni tal-approvazzjoni minn qabel). Dan għandu jippermetti kummerċ aktar mgħaġġel iżda wkoll sikur. Kemm l-UE kif ukoll il-Messiku jżommu d-dritt tagħhom li jistabbilixxu l-livell ta' protezzjoni li jqisu xieraq.

Jiżguraw li r-regolamenti tekniċi, l-istandards u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità ma jkunux diskriminatorji u ma jgħolqux ostakli bla bżonn għall-kummerċ

L-MGA jtenni l-impenn tal-UE u tal-Messiku li jibbażaw ir-regolamenti tekniċi tagħhom fuq standards internazzjonali u li jaqblu dwar lista miftuħa ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jistabbilixxu l-istandards. Dwar il-valutazzjoni tal-konformità, l-MGA jirrikonoxxi l-approċċi differenti tal-Partijiet għall-valutazzjoni tal-konformità u l-miżuri rilevanti tagħhom għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ: għall-UE l-użu tad-dikjarazzjoni tal-konformità tal-fornitur u għall-Messiku r-rikonoxximent taċ-ċertifikazzjoni tal-prodott imwettqa fl-UE.

Żgurar tat-trasparenza u Prattiki regolatorji tajba

L-MGA jinkludi Kapitolu dwar it-Trasparenza b'dispożizzjonijiet ambizzjużi dwar il-pubblikazzjoni, l-amministrazzjoni, u r-rieżami u l-appell ta' miżuri ta' applikazzjoni ġenerali relatati ma' kwistjonijiet kummerċjali, u kapitolu li jistabbilixxi sett ta' Prattiki regolatorji tajbin li l-UE u l-Messiku se jużaw meta jiżviluppaw regolamenti.

Implimentazzjoni ta' proċeduri moderni għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn stat u ieħor

L-MGA jinkludi Kapitolu dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim bejn Stat u ieħor li jistabbilixxi proċeduri moderni effettivi u trasparenti bbażati fuq proċess ġust għall-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' kwalunkwe tilwim bejn il-Messiku u l-UE.

L-istruttura istituzzjonali tar-relazzjonijiet hija stabbilita fil-Parti IV (Dispożizzjonijiet Istituzzjonali u Finali). Il-parti IV tibni fuq l-arranġamenti eżistenti u tinkorpora s-Summit UE-Messiku bħala l-oġġettiv livell politiku ta' dialogu. L-istruttura istituzzjonali hija magħmula

minn Kunsill Konġunt, li jissorvelja t-twettiq tal-obiettivi tal-MGA u jwettaq is-superviżjoni tal-implimentazzjoni tiegħu, u Kunitat Konġunt, li jassisti lill-Kunsill Konġunt fit-twettiq ta' dmirijietu u li se jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ġenerali tal-MGA, inkluż id-definizzjoni u s-superviżjoni tad-djalogi settorjali.

Il-Kunitat Konġunt jista' jistabbilixxi sottokunitati u korpi oħrajn biex jassistuh fl-eżerċitar tal-funzjonijiet tiegħu u biex jindirizzaw kompiti jew suġġetti speċifiċi.

Il-Kunitat Parlamentari Konġunt se jkun il-forum tal-laqgħat u għall-iskambju tal-fehmiet u biex irawwem ir-relazzjonijiet bejn il-membri tal-Parlament Ewropew u l-membri tal-Kongress tal-Messiku. Kull Parti għandha toħloq grupp konsultattiv domestiku wieħed jew aktar sabiex jagħti pariri lill-Parti kkonċernata dwar kwistjonijiet koperti mill-Ftehim. Barra minn hekk, se jiġi stabbilit Forum tas-Soċjeta' Ċivili biex jipprovdi spazju għal dialogu pubbliku dwar kwistjonijiet ta' rilevanza għal dan il-Ftehim.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika Politika, Ekonomika u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Messiku, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, l-Artikolu 100(2), l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu u mal-Artikolu 209(2), flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew⁸,

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill [numru tad-Deċiżjoni] ta' [data], il-Ftehim Globali bejn l-UE u l-Messiku ("il-Ftehim") ġie ffirmat fi [post] fi [data], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard u ġie applikat b'mod proviżorju minn..., sakemm jidħol fis-seħħ.
- (2) Skont l-Artikolu 218(7) tat-TFUE, huwa xieraq li l-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni tapprova f'isem l-Unjoni ċerti modifiki għall-Ftehim.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 2.11 tal-Kapitolu 2 tal-Parti IV tal-Ftehim, jenħtieġ li xejn fil-Ftehim ma jiġi interpretat fl-Unjoni bħala li jagħti drittijiet jew jimponi obbligi fuq persuni għajr dawk mahuqa bejn il-Partijiet skont id-dritt internazzjonali pubbliku. Għalhekk, il-Ftehim ma jistax jiġi invokat direttament quddiem il-qrati tal-Unjoni jew tal-Istati Membri,
- (4) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Sħubija Strateġika Politika, Ekonomika u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Messiku, min-naħa l-oħra, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni. *

⁸ ĠU C , , p. .

* It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L, XXXXX, ELI

Artikolu 2

Għall-finijiet tal-Artikolu 21.18 tal-Parti III tal-Ftehim, il-pożizzjoni tal-Unjoni dwar il-modifiki jew ir-rettifiki tal-impenji fl-Annessi 21-A u 21-B tal-Ftehim għandha tittieħed mill-Kummissjoni.

Artikolu 3

Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill Konġunt skont l-Artikolu 25.35 tal-Parti III tal-Ftehim li jimmodifikaw il-lista tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fl-Anness 25-B tal-Ftehim u l-Annessi I u II tal-Ftehim dwar ix-Xorb Spirituż tal-1997 inkorporati fil-Ftehim skont l-Artikolu 25.41 għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni. Meta l-partijiet interessati ma jkunux jistgħu jaqblu wara oġġezzjonijiet relatati ma' indikazzjoni ġeografika, il-Kummissjoni għandha tadotta pożizzjoni li tkun ibbażata fuq il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 57(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Article 4

Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill Konġunt skont l-Artikoli 2.22(4) u 2.24(8) tal-Parti III tal-Ftehim li jimmodifikaw id-definizzjonijiet tal-prodotti, il-prattiki enoloġiċi u r-restrizzjonijiet skont il-Parti A u B tal-Anness 2-E tal-Ftehim u d-dokumentazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni skont il-Parti D tal-Anness 2-E, rispettivament, għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni.

Artikolu 5

Il-Ftehim ma għandux jiġi interpretat bħala li jagħti xi drittijiet jew jimponi xi obbligi li jistgħu jiġu invokati direttament quddiem il-qrati jew it-tribunali tal-Unjoni jew tal-Istati Membri.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA “DĦUL” - GĦAL PROPOSTI
LI GĦANDHOM IMPATT BAĠITARJU FUQ IN-NAĦA TAD-DĦUL TAL-BAĠIT**

1. ISEM IL-PROPOSTA:

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika Politika, Ekonomika u ta' Kooperazzjoni (MGA) bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Istati Uniti tal-Messiku.

2. LINJI BAĠITARJI:

Linja tad-dħul (Kapitolu/Artikolu/Partita): Il-Kapitolu 12, l-Artikolu 120

Ammont baġitjat għas-sena kkonċernata (2025): EUR 21 082 004 566

(fil-każ ta' dħul assenjat biss):

Id-dħul jiġi assenjat għal-linja tan-nefqa li ġejja (Kapitolu/Artikolu/Partita):

3. IMPATT FINANZJARJU

☐ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja

X Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq in-nefqa iżda għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul

☐ Il-proposta għandha impatt finanzjarju fuq id-dħul assenjat

L-effett huwa kif ġej:

(miljuni ta' EUR għal pożizzjoni deċimali waħda)

Linja tad-dħul	Impatt fuq id-dħul	12-il xahar	Sena 2026
Il-Kapitolu 12/l-Artikolu 120	<i>EUR 18,75 miljun</i>	Dħul fis-seħħ mistenni fil-bidu tal-2026	0
Il-Kapitolu 12/l-Artikolu 120			

Sitwazzjoni wara l-azzjoni					
Linja tad-dħul	[N+15]	[N+16]	[N+17]	[N+18]	[N+19]
Il-Kapitolu 12/l-Artikolu 120	<i>EUR 1 biljun</i>	<i>EUR 1 biljun</i>	<i>EUR 1 biljun</i>	<i>EUR 1 biljun</i>	<i>EUR 1 biljun</i>
Kapitolu/Artikolu/Partita ...					

(Fil-każ ta' dħul assenjat biss, bil-kundizzjoni li l-linja baġitarja tkun diġà magħrufa):

Linja tan-nefqa ⁹	Sena N	Sena N+1
Kapitolu/Artikolu/Partita ...		
Kapitolu/Artikolu/Partita ...		

Linja tan-nefqa	[N+2]	[N+3]	[N+4]	[N+5]
Kapitolu/Artikolu/Partita ...				
Kapitolu/Artikolu/Partita ...				

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

5. RIMARKI OĦRA

Ir-Regolament propost ma jġarrabx kostijiet addizzjonali (nefqa) fil-baġit tal-UE.

L-MGA se jkollu impatt finanzjarju fuq il-baġit tal-UE fuq in-naħa tad-dħul. L-MGA se jwassal għal telf stmat ta' dazji ta' EUR 18,75 miljun mad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim¹⁰.

Huwa mistenni li jkun hemm impatti pożittivi indiretti f'termini ta' żidiet f'rizersi marbuta mat-taxxa fuq il-valur miżjud u l-introjt nazzjonali gross.

⁹ Tintuża biss jekk ikun hemm bżonn.

¹⁰ L-ammont stmat ta' telf ta' dħul ta' EUR 18,75 miljun huwa nett mill-kost tal-ġbir (tnaqqis ta' 25 % mid-dħul stmat ta' EUR 25 miljun).